

32003L0011

15.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 42/45

**DIRETTIVA 2003/11/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-6 ta' Frar 2003**

li temenda għar-raba' u għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (etere pentabromodiphenyl, etere octabromodiphenyl)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposti mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Fil-waqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-8 ta' Novembru 2002,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 14 tat-Trattat, għandha tiġi stabbilita żona mingħajr fruntieri interni, li fiha jkun assigurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital.
- (2) Ir-riskji għall-ambjent ikkawżati mill-etere *pentabromodiphenyl* (pentaBDE) u mill-etere *octabromodiphenyl* (octaBDE) ġew stmati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti ⁽⁴⁾. L-istimi dwar ir-riskji tal-pentaBDE u l-octaBDE identifkaw il-bżonn li jitnaqqsu r-riskji ikkawżati minn dawn is-sustanzi għall-ambjent. Fl-opinjoni tiegħu ta' l-4 ta' Frar 2000 u l-31 ta' Ottubru 2002, il-Kumitat Xjentifiku dwar it-tossiċità, l-ekotossiċità u l-ambjent (CSTEE) ikkonferma l-konklużjonijiet ta' dawn l-istimi tal-pentaBDE u l-octaBDE dwar il-bżonn li jitnaqqsu r-riskji sabiex jiġi mħares l-ambjent. Barra minn hekk, l-CSTEE, fl-opinjoni tiegħu tat-19 ta' Ġunju 2000, ikkonferma l-biża li tfal mreddegħa ikunu esposti għall-pentaBDE u li ż-żieda fil-livelli ta' pentaBDE fil-ħalib ta' l-omm jista' jkun ir-riżultat ta' użu li għadu ma ġiex identifikat.
- (3) Il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjonijiet fil-kwadru tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 dwar strateġija sabiex jitnaqqas ir-riskju rigward il-pentaBDE ⁽⁵⁾ u l-octaBDE ⁽⁶⁾. li jipprovdur restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu sabiex

jiġu ikkontrollati r-riskji lill-ambjent. Dawn jirrikmandaw ukoll illi kull miżuri għandhom jieħdu kont tal-biża illi tfal żgħar ikunu esposti permezz tal-ħalib.

- (4) Sabiex ikunu protetti s-saħħa u l-ambjent, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-pentaBDE u l-octaBDE u t-tqegħid fis-suq ta' oġġetti li fihom waħda minn dawn is-sustanzi jew iż-żewġ sustanzi għandu jkun proġbit.
- (5) Il-preżenza ta' pentaBDE u octaBDE f'konċentrazzjonijiet oġġgħa minn 0,1 % jistgħu jkun identifikati permezz ta' metodi ta' teknika analitika standard bħal per eżempju l-GC-MS (*gas chromatography-mass spectrometry*).
- (6) L-istima dwar ir-riskji tad-decaBDE kienet iffinalizzata f'Awissu ta' l-2002 u rrivelat numru ta' incertezzu dwar l-effetti possibbli ta' din is-sustanza fuq l-ambjent. Għaldaqstant, il-Komunità għandha, mingħajr dewmien, tieħu miżuri sabiex tnaqqas ir-riskju u għandha tiġi stabbilita, immedjatament, strateġija ta' kif jitnaqqas ir-riskju. Il-Kummissjoni tistenna r-riżultati ta' din l-istrateġija sabiex jitnaqqas ir-riskju sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2003. Hija imbagħad għandha, immedjatament, teżamina dawn ir-riżultati u tipproponi miżuri severi u approprijati sabiex jindirizzaw ir-riskji identifikati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkonsidraw din il-proposta mingħajr dewmien. Restrizzjonijiet approvati mill-Komunità dwar il-marketing u l-użu tad-decaBDE għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr aktar dewmien, sakemm l-ittestjar ieħor previst mill-istima dwar ir-riskju imsemmija aktar 'il fuq, ma jsoolvix l-incertezzu ta' bħalissa billi jkkonkludi illi d-decaBDE ma hux kawża għall-biża.
- (7) Din id-Direttiva ma taffetwax il-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema, li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u fis-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ⁽⁷⁾, u f'direttivi individwali ibbażati fuq din id-Direttiva, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji marbuta ma' l-esposizzjoni għall-karċinoġeni fuq ix-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ⁽⁸⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji marbuta ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-14-il Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ⁽⁹⁾

⁽¹⁾ ĠU C 154 E, tad-29.5.2001, p. 112 u ĠU C 25, tad-29.1.2002, p. 472.

⁽²⁾ ĠU C 193, ta' l-10.7.2001, p. 27.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Settembru 2001 (ĠU C 72 E, tal-21.3.2002, p. 235), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 (ĠU C 110 E, tas-7.5.2002, p. 23) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' April 2002 (għadha ma ġiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali

⁽⁴⁾ ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 69, ta' l-10.3.2001, p. 30.

⁽⁶⁾ ĠU L 249, tas-17.9.2002, p. 27.

⁽⁷⁾ ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/38/EC (ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 66).

⁽⁹⁾ ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness 1 tad-Direttiva 76/769/KEE qiegħed hawnhekk jiġi emendat skond kif inhu stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2004, jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom, minnufih, jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-15 ta' Awissu 2004.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din id-Direttiva fl-okkażjoni tal-

pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2003.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

P. EFTHYMIU

ANNEX

Il-punt 44 li ġej għandu jġi miżjud ma' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

- "44. *diphenylether, pentabromo derivative* $C_{12}H_3Br_5O$
1. Ma jistax jitqiegħed fis-suq jew jiġi użat bħala sustanza jew bħala kostitwenti ta' sustanzi jew preparazzjonijiet f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % bil-massa.
 2. Oġġetti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jekk huma, jew partijiet minnhom li huma retardanti tan-nar, ikollhom din is-sustanza f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % bil-massa."

Il-punt 45 li ġej għandu jġi miżjud ma' l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

- "45. *diphenylether, octabromo derivative* $C_{12}H_2Br_8O$
1. Ma jistax jitqiegħed fis-suq jew jiġi użat bħala sustanza jew bħala kostitwenti ta' sustanzi jew preparazzjonijiet f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % bil-massa.
 2. Oġġetti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jekk huma, jew partijiet minnhom li huma ritardanti tan-nar, ikollhom din is-sustanza f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % bil-massa."
-